GĦAXAQ

Minuti tal-Laqgha Nru. 64 tal-Kunsill Lokali Ghaxaq li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Gimgha 26 ta' Gunju 2009, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Prezenti | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Vici Sindku | Is-Sur J.M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sur Angelo Attard |
| | Is-Sinjura Emanuela Muscat |
| Ufficcjali | |
| Is-Segretarju Ezekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Prezenti ukoll kien hemm is-Sur Alan Picco

Agenda

1. Minuti;
2. Taghrif mil-Minuti;
3. Awditjar u Stqarrija Finanzjarja (Rapport);
4. Tmiem il-Mandat tal-Hames Kunsill.

GĦAXAQ

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 63 kienu cirkolati u ttiehdu bhala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti ghal approvazzjoni. Peress li ma kienx hemm ebda oggezzjoni, il-Minuti gew approvati, wara li ssekonda l-Kunsillier Attard.

2. **Taghrif mil-Minuti**

Item 2 (item 5) Is-Sur Abdilla xtaq ikun jaf jekk il-Kuntrattur Barbros Ltd iffirmax kuntratt biex jibda ix-xoghol tal-ground. Is-Segretarju qalet li hi kitbet lil-Barbros fejn infurmatu li l-offerta tieghu giet milqugha u qaltlu ukoll li ser terga tikkuntattjah biex jigi jiffirma il-kuntratt. Il-Kuntratt ghadu ma giex iffirmat.

Is-Sur Abdilla qal li jixtieq jghamel rizoluzzjoni li x-xoghol li l-kuntrattur ghamel sal-llum ma jithallasx tieghu. Is-Sur Abdilla zied jghid li l-kuntratt irid jigi ffirmat minghajr dewmien ghax meta jigi ffirmat il-kuntratt il-Kunsill ikun jaf x'se jkun hemm. Qal ukoll li ahna irridu nimxu fuq il-ligi.

Is-Sur Vassallo cempel lill-kuntrattur u dan ta' l-ahhar qal li se jigi biex jiffirma l-kuntratt nhar it-Tlieta 1 ta' Lulju 2009.

2. **Awditjar u Stqarrija Finanzjarja (Rapport)**

Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li l-Awditur tal-Gvern lesta r-Rapport tieghu, kif ukoll x-aggustamenti kien hemm bzonn isiru permezz tal-*Management Letter*. L-*Accountant* tal-Kunsill ghamel l-aggustamenti li ssuggerixxa l-Awditur. Is-Sur Abdilla qara l-Management Letter u l-aggustament tal-Awditur tal-Kunsill u spjega l-kontenut.

3. **Tmiem il-Mandat tal-Hames Kunsill**

Is-Sur Vassallo qal li din is-Seduta hija tmiem il-mandat ghal Hames Kunsill ta' Hal Ghaxaq. Qal ukoll li kien hemm hafna affarijiet xi jsiru izda l-Kunsill wettaq hafna minnhom. Il-Finanzi kienu taht kontroll tajjeb u m'hemmxhlasijiet li jridu jsiru.

Is-Sur Vassallo rringrazzja lill-kunsillieri li servew fl-ahhar tlett snin tal-koperazzjoni li sab minghandhom u awgura lil-dawk godda li se jservu ghas-sitt legislatura hidma tajba.

**Aggornament**

Is-Sindku fis-6.15pm aggorna s-Seduta sine die peress li l-Agenda kienet giet ezawrita.

Emanuel Vassallo — Therese Xuereb

Sindku — Segretarju Ezekuttiv

**Ikkonfermati fl-istess Seduta tas-26 ta' Gunju 2009**